MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 2061/2004

**Avviz Numru 2061/04 AJD**

**Gordon Micallef**

**vs**

**Keith Cutajar**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Novembru 2004, fejjn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm1,250.00), bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti l-prez ta' mutur mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut u sa' llum mhux imhallas, flimkien ma' l-imghax

fuq l-istess mill-21 ta' Novembru 2003 sad-data tal-pagament effettivi u bl-ispejjez kollha, inkluzi tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2182/04, kollox kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota pprezentata mill-attur fil-11 ta' Frar 2005 fejn hu irriduca t-tieghu ghal sebgha u hamsin Liri Maltin (Lm57.00).

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici kif ridotti u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u hamsin Liri Maltin (Lm57.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat ma' l-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------